**17 ta' Mejju, 1993**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Dottor Vincent Falzon *noe*

*versus*

Isabelle Grima

**Tribunal Industrijali – Tkeċċija Inġusta – *Estacode* – Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg – Ġurisdizzjoni Esklussiva tat-Tribunal Industrijali**

*It-Tribunal Industrijali għandu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta. Il-Qrati ordinarji huma kompetenti biex jissindikaw l-operat tat-Tribunal Industrijali u s-sentenzi tiegħu.*

*L-impunjazzjoni ta' deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija limitata għal tliet kategoriji ta' difetti: (a) eċċess ta' ġurisdizzjoni (b) non-osservanza ta' l-istess liġi kostituttiva u (ċ) non-osservanza ta' xi wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja.*

*Il-liġi ma kkonċeditx id-dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali.*

**1. Il-kumpanija attriċi tterminat l-impjieg tal-konvenuta. It-Tribunal Industrijali b'deċiżjoni numru 436 tad-29 ta' Novembru, 1989, sab illi l-konvenuta ġabet provi suffiċjenti biex tissodisfah illi t-tkeċċija tagħha mill-impjieg ma kinitx saret għal raġuni ġusta;**

Fiċ-ċitazzjoni preżenti, il-kumpanija talbet il-Qorti Ċivili Prim'Awla illi tiddikjara li l-imsemmija deċiżjoni hija legalment żbaljata u bla ebda validità fil-liġi u mingħajr effett, u dan, prinċipalment għas-segwenti raġuni:

Id-deċiżjoni hija fondata fuq applikazzjoni żbaljata tal-liġi nfisha speċjalment meta fiha jintqal illi, għall-każ, kienu japplikaw it-termini ta' l-*Estacode* u skond dan, il-kumpanija mxiet inġustament;

L-*Estacode* qatt ma jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg

f'soċjetà privata, u kull riferiment għalih għalhekk, fil-każ in kwistjoni, kien żbaljat u rregolari u jirrendi d-deċiżjoni nulla u bla effett;

2. Il-konvenuta opponiet illi l-mertu tad-deċiżjoni huwa ġust u illi wara li hija ġiet akkużata b'approprjazzjoni indebita, iżda ġiet illiberata mill-akkuża, il-kumpanija intentat li quddiem it-Tribunal Indu**rijali, tfornixxi provi hija biex tiġġustifika t-tkeċċija tal-konvenuta mill-impjieg;

3. Fit-2 ta' Ottubru, 1990, il-kawża ġiet deċiża billi t-talba attriċi ġiet respinta, billi dik il-Qorti, wara li eżaminat id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, biex tikkontrolla jekk dak li hemm allegat fiċ-ċitazzjoni, huwiex fid-deċiżjoni rispekkjat, sabet illi:

"Minn dan li ġie ċċitat jirriżulta kjarament, li ma jistax jingħad li t-Tribunal iddeċieda dwar it-tkeċċija tal-konvenuta in bażi għan-nuqqas tal-kumpanija attriċi li tosserva l-proċedura dixxiplinari stabbilita mill-*Estacode*. Minħabba din il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti, m'hemmx lok li jiġi indagat jekk l-*Estacode* kienx effettivament japplika u jirregola l-kuntratt ta' impjieg tal-konvenuta mal-kumpanija";

4. L-appell mis-sentenza, da parti tal-kumpanija attriċi, huwa dirett kontra dak li hemm fil-paragrafu li għadu kif ġie kkwotat, billi l-appellanti tikkontendi, li mill-qari ta' dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal, wara s-sotto titolu "Il-konsiderazzjonijiet" jirriżulta l-kuntrarju ta' dak li qalet il-Qorti;

5. Din il-Qorti għandha l-obbligu – aktar minn qrati oħra – li tara li l-istruttura organizzattiva tal-Qrati tagħna tkun dejjem konformi ma' dawk il-prinċipji li huma ppronunċjati u

elenkati fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), u tal-liġijiet li ġew wara, mill-1854 'l hawn, imma li dejjem ħadu, lil dak il-Kodiċi, bħala l-bażi fundamentali ġurisdizzjonali ta' l-istruttura ġuridika ta' l-Ordinament Tagħna;

6. L-ewwel Onorabbli Qorti għaddiet, biex tagħmel eżami ta' l-allegat – jiġifieri jekk dak li tippretendi l-kumpanija jikkombaċjax mal-verità ta' l-akkadut – anzi, f'dan il-każ, mal-miktub. U fuq dik in-nonkordanza ċaħdet it-talba attriċi;

Minħabba r-raġuni msemmija fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti se tikkunsidra l-kwistjoni *di fondo;*

7. L-art. 28 Kap. 266, jikkonferixxi lit-Tribunal Industrijali, maħluq mill-istess liġi:

"ġurisdizzjoni **esklussiva** li jikkonsidra u jiddeċidi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta";

8. Il-Qrati ordinarji huma kompetenti biex jissindikaw l-operat tat-Tribunal Industrijali u s-sentenzi tiegħu – kif diġà deċiż diversi drabi – l-aktar sentenza riċenti ta' din il-Qorti tal-11 ta' Frar, 1993, fl-ismijiet Wildred Privitera *nomine vs* Anthony Bonello;

9. L-impunjazzjoni ta' deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali però hija limitata, għal tliet kategoriji ta' difetti – (a) eċċess ta' ġurisdizzjoni, (b) nonosservanza ta' l-istess liġi kostitwita – Kap. 266, u finalment (ċ) non-osservanza ta' xi wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja;

Din il-Qorti għandha tenfasizza illi l-liġi ma kkonċedietx

id-dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali, u għalhekk dawn il-Qrati Superjuri m'għandhomx ġurisdizzjoni biex jirrieżaminaw jew jirrevedu l-mertu tal-kontroversja li ġiet deċiża mit-Tribunal Industrijali;

10. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell tal-kumpanija mhux biss m'huwiex attendibbli – imma l-azzjoni tagħha, sa mill-bidu nett, ma kinitx proponibbli quddiem dawn il-Qrati ordinarji;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-kumpanija.